MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2013

Numru 950/2004

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)
vs
Marius Camilleri

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 758060M, akkuzat:
1. Fil-21 ta' Ottubru 2004 ghal habta tad-9.20am gewwa l-Gudja saq it-trukk tal-ghamla AEC bin-numru ta' registrazzjoni BBF 657 u ipprova jpoggi l-hajja ta' PC1087 Colin Spiteri fil-perikolu car billi b'atti esterni wera dan il-hsieb u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi gheddu bil-mewt u saq fid-direzzjoni tieghu –Artikolu 41(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-istess jum, lok u cirkostanzi saq it-trakk tal-marka AEC bin-numru ta' registrazzjoni BBF 657 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod iehor perikoluz – Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65;

3. Fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghamel griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC1087 Colin Spiteri kif iccertifikat minn Dr.Raphael Cassar MD ta' S.L.H meta l-istess PC1087 huwa persuna inkarigata mill-ligi –Artikoli 221(1) u 222(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kisser l-kwiet u l-paci pubblika b'ghajjat, glied u kliem oxxen fil-pubbliku – art.338(dd) u 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-istess jum, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija – Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti li kienu definiti fil-Qorti tal-Magistrati ta' Malta u l-Qorti tal-Appell 25.2.99 Awla 11 Mag.C.Scerri Herrera LLD 16.3.99 Dr J.Padovani Grima 19.10.2001 u diversi sentenzi ohra.
7. Il-Qorti mitluba, f'kaz ta' htija, li barra l-piena stabbilita mill-ligi tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jakkwista ebda licenzja tas-sewqan u jigi applikat l-Artikolu 383(1) ghas-sigurta' tal-istess PC1087 Colin Spiteri.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti ai termini u skond l-artikoli tal-ligi minnu citati dwar il-htija jew nuqqas taghha fl-imputat;

Semghet l-imputat jaghti l-kunsens tieghu biex l-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali qieghed jipprospetta ir-reat ta':
1. Attentat ta' ferita gravi;
2. Sewqan ta' vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz;
3. Feriti hfief b'cirkostanzi aggravanti;

4. Ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika u b'ingurji jew theddid;
5. Disobbidjenza ghall-ordnijiet legittimi tal-Pulizija u b'recidiva;

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri sehhew fil-waqt li fil-gurnata in kwistjoni kien gara incident ikrah il-Gudja li minhabba fih inqala ingorrgu kbir ta' traffiku tant illi ghal xi hin inghalqet Triq l-Avvjazzjoni Civili u l-vetturi bdew jigu diretti ghal toroq ohra. L-imputat bi trakk li kien qieghed isuq inqabbad fost il-hafna sewwieqa ohra f'din it-tgegwigija. Jidher li fuq il-post ghall-inqas mar-'roundabout' fejn jinkrocaw erba' toroq li huma fost l-aktar taffikuzi kien hemm zewg pulizija tat-traffiku. Jirrizulta bhala fatt li dan ta' aditu ghall-incident li fih involva ruhhu l-imputat ma' wiehed mill-pulizija senjatament l-PC1087 Colin Spiteri.

Mix-xhieda prezentata quddiema, inkluz dik tal-imputat, l-Qorti waslet biex taghmel dan il-kwadru tal-fatti: l-imputat kontra dak li issenjalalu l-kuntistabbli Spiteri ipponta biex jghaddi propju minn dik it-triq fejn kien sehh l-incident u li minnha ma setghax jittransita bit-trakk minhabba l-ispazju ristrett taghha kawza l-incident. Fil-kors li jaghmel dan l-imputat qal kliem konsistenti f' theddid revolti lejn il-kuntistabbli Spiteri u fic-cirkostanzi saq b'mod traskurat.

Il-fatt li l-kuntistabbli Spiteri kien aggressiv, fatt deplorevoli ghall-ahhar, ma jiggustifikax l-agir tal-imputat li fic-cirkostanzi tal-incident serju li kien sehh kellu jikkontolla ruhhu u jrazzan l-frustrazzjoni tieghu. Tista' l-Qorti tifhem li minhabba l-ingorg tat-traffiku li ngemma u s-shana tal-gurnata mhux kemm tghid li wiehed izomm il-kalma izda bl-agir inkonsult tieghu l-imputat seta' biss jippeggora s-sitwazzjoni li kienet frustanti, fic-cirkustanzi, mhux biss ghalih izda anka ghas-sewwieqa l-ohra li nqabbdu fl-istess sitwazzjoni tieghu u forsi anka f'sitwazzjoni ghar u tal-pulizija li kienu rinfaccjati b'sitwazzjoni xejn facli.

Inghad dan pero' l-Qorti ma tarax kif treggi l- akkuza dedotta mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju prospettanti l-attentat tal-ferita gravissima. Fic-cirkostanzi

l-Qorti ghalkemm nisslet fiha l-konvinciment li l-imputat gie 'jaqa u jqum' mill-konsegwenzi li seta' garrab lill-kuntistabbli Spiteri minhabba l-agir inkonsult tieghu hija propensa li tadotta l-massima "dolus indeterminatus determinatur ab exitu".

Inghad dan, wara li rat l-Artikolu 221, 222, 338(dd), 339(e), 338(ee), 49, 50 u 17(d) tal-Kap 9, wkoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65, tilliberah mill-ewwel akkuza izda ssibu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha. Tikkundannah komplessivament multa u ammenda (skond il-kaz) ta' elf u tlett mitt euro. Rat ukoll l-Artikolu 15(2) tal-Kap 65 tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghall-tlett xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------